**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 17 ta' Marzu 2016**

Rikors Guramentat Nru. 381 / 09RGM

Kawza fil-lista: 16

**A B gia' C B**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici A B gia' C B li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewgu fis-31 ta Lulju 2001.

2. Illi l-konvenut irrenda ruhu hati ta' vjolenza mohqrija sevizzji u ingurji gravi fil-konfront tal-attrici u l-minuri binthom Kayliegh tant li l-access tal-missier ghall-minuri ordnat li isehh fl-Agenzija Appogg u fil-presenza ta' persuna inkarigata tal-istess Agenzija.

3. Illi minhabba il-komportament tal-konvenut l-attrici kellha sahansittra tirrikorri ghall-ghajnuna tal-pulizija.

4. Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibbli ghar-ragunijiet

imsemmija.

5. Illi miz-zwieg taghhom il-kontendenti ghandhom wild minuri, Kayliegh li twieldet fl-4 ta Ottubru 2001.

6. Illi prezentament l-attrici qed tistudja ghal BSc in Occupational Therapy fl-Institute of Healthcare l-Universita ta Malta.

7. Illi il-medjazzjoni giet dikjarata maghluqa u l-attrici giet awtorizzata tipprocedi b'kawza ghas-separazzjoni personali permezz tad-digriet nru 705/09/BOB.

Jghid ghalhekk il-konvenut, ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali tal-kontendenti minhabba il-hjtiet imsemmija tal-konvenut.

2. Takkorda l-kura u l-kustodja ta’ binthom Kayliegh lill-attrici u l-manteniment xieraq skont il-ligi ghaliha u ghal minuri.

3. Tordna l-likwidazzjoni u l-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti.

4. Tordna li l-assi parafernali tal-attrici jirrivertu ghand l-attrici.

5. Tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjomha xebba B.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut D C li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi preliminarjament r-Rikors Promotur huwa null u bla effett fil-ligi stante li kuntrarjament ghal dak li tiddikjara r-rikorrenti fir-rikors promotur, kien biss l-intimat D C li gie awtorizzat jipprocedi b'kawza ghas-separazzjoni permezz tad-digriet nurnru 705/09/BOB datat 23 t'Ottubru, 2009;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza u kien ghalhekk li l-intimat prezenta rikors guramentat kontra martu bin-numru 377/09 pendenti quddiem l-Onorevoli Imhallef Dr. Noel Cuschieri fejn talab li martu tigi dikjarata hatja tas-separazzjoni personali bejn il-parijiet apparti bosta talbiet ohra li qed izomm ferm u jaghmilhom bhala parti integrali f din ir-risposta;

3. Illi wkoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimat jichad b'mod assolut u kategoriku li qatt irrenda ruhu hati ta' vjolenza, mohqrija, sevizzi u

ingurji gravi fil-konfront tar-rikorrenti u tal-minuri binthom Kayleigh u dan kif ser jigi pruvat ukoll fil-mori tal-kawza;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost kienet ir-rikorrenti li rrendiet ruhha hatja ta' adulterju, theddid, sevizzi, ingurji u offizi gravi fil-konfront ta' l-esponent u dan kif ser jigi pruvat ukoll fil-rnori tal-kawza;

5. Illi di piu' u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti abbandunat id-dar matrimonjali fi zmien meta l-esponent kien imsiefer fuq xoghol u hadet bosta oggetti mobbli proprjeta' tal-komunjoni ta' l-akkwisti kif ukoll proprjeta' parafernali ta' l-esponent bir-rizultat li meta l-istess esponent wasal lura d-dar, sab id-dar sprovvista minn bosta oggetti essenzjaIi kif ukoll oggetti personali li kienu proprjeta' ta' l-ewwel mara tieghu li ghal ragunijiet ovvji, ghandhom valur sentimentali kemm ghall-esponenti kif ukoll ghal uliedu mill-ewwel zwieg;

6. Illi iz-zwieg de quo tkisser unikament minhabba ragunijiet imputabbli lir-rikorrenti u mhux mill-intimat;

7. Illi ghar-ragunijiet suesposti, din l-Onorabbli Qorti hija mitluba tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat il-verbal fl-udjenza tal-21 ta' Ottubru 2010 fejn il-partijiet qablu illi l-provi migbura fil-kawza ru: 381/09NC (issa RGM) u 377/09NC (issa RGM) jiqiesu bhala provi mismugha fiz-zewg kawzi.[1]

Rat illi b'rikors tal-attrici tal-5 ta' Gunju 2014, l-attrici talbet illi din il-Qorti joghgobha tordna illi t-talba taghha ghas-separazzjoni maghmula f'din il-kawza titqies bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju.

Rat illi b'**sentenza in parte taghha tal-21 ta' Ottubru 2014**, il-Qorti laqghet it-talba billi ordnat illi l-kawza fl-ismijiet premessi ghandha titqies bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju ai termini tal-artikolu 66F tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi b'**sentenza in parte taghha tat-18 ta' Gunju 2015** din il-Qorti ddecidiet in parte din il-kawza billi cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut fir-rigward tal-ewwel, it-tieni u l-hames talbiet attrici u ddecidiet l-imsemmija tliet talbiet billi:

---

1 Vide Rik Gur Nru 381/09RGM process Volum 1 Fol 92

(i) Laqghet l-ewwel talba attrici,  iddikjarat illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser minhabba ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut, ddikjarat id-divorzju ta' bejn il-partijiet u t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijeit u ordnat ordnat lir-Registru sabiex fi zmien ghaxart ijiem mill-jum li fih dik is-sentenza tghaddi in gudikat javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku;

(ii)  Laqghet in parte t-tieni talba attrici, akkordat il-kura u l-kustodja ta' Kayleigh, bint il-partijiet, unikament lill-attrici b'dan li l-modalita` tal-access ghall-minuri Kayleigh ghandu jkun taht supervizjoni tal-Agenzija Appogg;  ordnat lill-konvenut sabiex sa dak in nhar ihallas il-manteniment stipulat fid-digrieti *pendente lite* u minn dak in nhar 'l quddiem ihallas lill-attrici l-ammont ta' mitejn u hamsin euro (€250) fix-xahar ghall-minuri Kayleigh li jibqa` jithallas jekk il-minuri taghlaq tmintax-il sena u tibqa` tistudja full-time, bla pregudizzju ghad-dritt tal-bint li tiehu passi ghar-revizjoni tal-manteniment pagabbli. Il-manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-indici ufficcjali tal-gvern dwar l-gholi tal-hajja.  Il-manteniment tal-minuri ghandu jitnaqqas direttament mis-salarju tal-konvenut D C u mhallas lill-attrici. Inoltre l-konvenut ghandu jhallas nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u jura medika tal-minuri.

(iii) Cahdet in parte t-tieni talba attrici fejn jirrigwarda manteniment ghall-attrici personalment.

(iv)  Laqghet il-hames talba attrici u ordnat li l-attrici tirriverti lura ghal kunjom xbubitha "B".

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Ordnat li s-sentenza ma tigiex pubblikata u mxandra fuq il-website.

Rat l-atti, l-provi, id-dokumenti u n-noti kollha pprezentati mill-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghall-lum ghas-sentenza dwar it-tielet u r-raba` talba attrici.

Ikkunsidrat;

**<u>Likwidazzjoni u qsim tal-komunjoni tal-akkwisti</u>**

Hemm qbil bejn il-partijiet illi d-dar matrimonjali hija parafernali tal-konvenut D C.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha (fol 221 process 381/09RGM), l-attrici tghid illi fiz-zwieg inxtraw is-segwenti oggetti li allura jiffurmaw parti mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet:
(1) sodod u mtierah (€400)

(2) dehumidifier (€150)
(3) skrivanija (€25)
(4) laptop (€400)
(5) vettura tat-tip Hyundai Accent (€10,000)

Dawn jammontaw ghall-valur komplessiv ta' €10,975. Il-konvenuta tissottometti illi dawn huma kollha fil-pussess tal-konvenut, u ghandu jzommhom hu b'dan illi jirrifondiha nofs il-valur taghhom.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu (fol 227) il-konvenut jissottometti illi kulma nxtara fiz-zwieg huma:
(1) zewg sodod u mitrah wiehed
(2) dehumidifier
(3) skrivanija

Dwar il-laptop jghid li dan partu ma’ *personal computer* li kellu qabel iz-zwieg u ghalhekk huwa tieghu. Jghid li hu kellu Hyundai Accent u li din partatha ma' **Honda Civic b'zieda ta' €4000** li thallsu b'self wara li l-attrici abbandundat id-dar matrimonjali. Inoltre jissottometti **illi hija gabet fiz-zwieg debitu ta' Lm2000 fuq il-vettura tat-tip Seat Cordoba**, u **llum tipposjedi vettura tal-marka Hyundai Atos b'valur ta' €7000.**

Ghalkemm jidher illi fin-nota agguntiva tieghu a fol 234 et seq (process 381/09RGM), il-konvenut ibiddel xi ftit il-verzjoni u jissottometti illi kull ma nxtara fiz-zwieg kien dehumidifier filwaqt li zewg sodod, microwave, vacuum cleaner u skrivanija gew semplicement rimpjazzati, din il-Qorti jidhrilha li l-ewwel tliet oggetti msemmija mill-attrici ghall-valur ta' €575 ghandhom jitqiesu bhala mixtrija fiz-zwieg**. L-attrici ghalhekk hija intitolata ghas-somma ta' €287.50 rapprezentanti nofs il-valur tal-oggetti msemmija.**

Rigward il-laptop, il-konvenut jispjega illi dan partu ma' personal computer li kien tieghu qabel iz-zwieg u ghalhekk ma ghandu jaghti xejn lill-attrici f'dan ir-rigward. Il-Qorti qed taccetta l-verzjoni li ta l-konvenut fir-rigward  b’dan illi dan **il-laptop ghandu jibqa` ghand il-konvenut.**

In kwantu ghall-vetturi iz-zewg partijiet jissottomettu illi fiz-zwieg gew imhallsa krediti relattivi ghal vetturi tal-parti l-ohra.

Il-konvenut jissottometti illi l-attrici gabet maghha dejn ta' elfejn liri Maltin (Lm2000), ekwivalenti llum ghal €4658.75;  mentri l-attrici tissottometti fin-nota ta' osservazzjonijiet ulterjuri taghha a fol 239 illi dan l-ammont kien ta' elfejn ewro (€2000). F'din ic-cirkostanza, b'mod partikolari in vista tal-fatt li l-partijiet izzewgu fl-2001 meta l-munita kienet ghadha l-Lira Maltija, kif ukoll minhabba l-fatt li l-attrici naqset milli tizvela minn jedda dan il-kreditu kontra taghha, din il-

Qorti qed tqis illi **l-ammont korrett bhala dejn li l-attrici kellha meta zzewget lill-konvenut huwa dak sottomess mill-konvenut ossia l-ammont ta' €4658.75 gja Lm2000.**

Fl-affidavit tieghu a fol 639 (process 377/09RGM), il-konvenut jghid illi pagament wiehed ghall-Hyundai Accent fl-ammont ta' €1630 sar mill-bejgh ta' vettura parafernali tieghu Honda Civic u jipprezenta Dok D a fol 643 in sostenn. Ghalhekk il-prezz imhallas minn fondi appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet fir-rigward tal-vettura li llum qeghda fil-pussess tal-konvenut huwa ta' **€8,619.00**. Fl-istess affidavit jghid ukoll illi l-attrici xtrat il-Hyundai Atos qabel telqet mid-dar, izda ma jivvantax pretensjonijiet fuqha u ghalhekk din ma hijiex ser titqies ghall-finijiet ta' komputazzjoni.

Din il-Qorti ghalhekk tiddeciedi li kull parti ghandha zzomm il-vetturi registrati fuq isimha, izda in kwantu d-differenza bejn is-somma mhallsa ghall-vettura tal-attrici u dik imhallsa ghall-vettura tal-attur hija ta' cirka erbat elef Euro (€4000), l-attrici hija intitolata ghal elfejn Euro (€2000) minghand il-konvenut.

**Il-konvenut ghalhekk qed jigi kkundannat li jhallas lill-attrici s-somma komplessiva ta' €2,287.50.**

Dwar depoziti bankarji jrid jinghad li fil-process tal-kawza 377/09RGM, liema provi japplikaw ukoll ghall-kawza odjerna, jinstabu numru konsiderevoli ta' pagni ta’ ‘bank statements’ dwar kontijiet bankarji li huma jew kienu fil-passat recenti f’isem xi hadd mill-partijiet. Fin-noti ta’ osservazzjonijiet rispettivi taghhom il-partijiet ma urewx li ghandhom xi pretensjonijiet kontra xulxin fir-rigward.

**Ghaldaqtant qed tiddeciedi illi dawk il-fondi fil-kontijiet bankarji intestati f’isem l-attrici ghandha tippercepihom l-attrici filwaqt li dawk il-fondi fil-kontijiet bankarji intestati f’isem il-konvenut ghandu jippercepihom il-konvenut.**

**<u>Assi Parafernali.</u>**

In kwantu ghal assi parafernali appartenenti lill-attrici li baqghu fil-pussess tal-attur, il-partijiet jipprovdu zewg verzjonijiet kontrastanti in rigward. L-attrici a fol 221 tissottometti illi fid-dar matrimonjali halliet numru ta' oggetti li ilhom snin fil-pussess tal-konvenut u li taghhom ghandha tinghata hames mitt Euro (€500), mentri l-konvenut a fol 226 u 235 tal-istess process jissottometti illi hija garret bosta affarijiet maghha, inkluz blender, sewing machine elettrika u Griglioso.

In vista tas-sottomissjonijiet kontrastanti tal-partijiet f'dan ir-rigward u tan-nuqqas ta' provi konkreti fir-rigward, din il-Qorti ma hijiex sodisfatta illi l-attrici jisthoqilha xi kreditu rapprezentanti assi parafernali taghha mizmuma mill-

konvenut. Il-Qorti ghalhekk qed tiddeciedi illi ma giex ippruvat sodisfacentement illi l-konvenut jipposjedi xi assi parafernali appartenenti lill-attrici.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qeghdha taqta` u tiddeciedi it-tielet u r-raba' talba attrici u tiddisponi mill-eccezzjoniijiet tal-konvenut fir-rigward billi:

1. Tilqa` parzjalment it-tielet talba attrici, tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet kif deskritt taht it-titolu "Likwidazzjoni u qsim tal-komunjoni tal-akkwisti" u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elfejn, mitejn u sebgha u tmenin ewro u hamsin centezmu (€2287.50) bl-imghax legali millum.

2. Tichad ir-raba` talba attrici.

Tenut kont ir-rebh u t-telf rispettiv tal-partijiet il-Qorti qed tiddeciedi illi l-ispejjez ta' din is-sentenza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**